**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 8 ta' Frar, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-vs-**

**Gemanjo Zerafa, detentur tal-karta tal-identità numru 0361096M.**

**Kumpilazzjoni Nru: 503/22**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Gemanjo Zerafa u ċioe' talli:

> Nhar il-15 ta'Marzu 2022 u kif ukoll fil-ġranet u ġimgħat ta'qabel din id-data b'diversi atti magħmula minnu fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa Ħal Qormi;

1. Ġiegħel l-annimali jsofru uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żamm jew qabel li jżomm annimali mingħajr ma kien responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, naqas milli jieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġijiet tal-annimali li hu kien

responsabbli għalihom, jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimali li jinkludu fost oħrajn l-provvista ta'ambjent xieraq, provvista ta'dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta'akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġiegħ, tbatija, korriment u mard, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi talli abbanduna l-kelb f'post pubbliku mingħajr ma kienu miegħu u dan bi ksur tas-subregolament 2 tar-regolament 6 tal-leġislazzjoni sussidjarja 437.101

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi talli ġiegħel li jsir intervent kirurġiku għal raġunijiet ta'tibdil fl-apparenza tal-annimal u dan bi ksur tar-regolament 9 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi żamm biex jiġi mibjugħ, ġie offrut għall-bejgħ, inbiegħ jew inxtara annimal li kellu intervent kirurġiku li ma kienx bil-permess skond l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 439 u dan bi ksur tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta'ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tipprojbixxi lill-imputat milli jżomm annimali jew milli jirrisjedi f'post fejn jinżammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista' jkun stabbilit mill-Qorti u dan skond l-Artikolu 45 subartikolu 1(b) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta'ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska tal-annimali minn kull post f'Malta, ir-revoka ta'kull permess maħruġ għall-operat ta' kull attività regolata taħt l-Att 439 tal-Liġijiet ta'Malta u għall-ispejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidrilha xieraq bħala riżultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45 Subartikolu 3 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta'Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-25 ta' Ottubru, 2022, l-imputat ammetta għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti dejjem osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu kif reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li huwa ħati għal imputazzjonijiet li ngħabu fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif ammessi minnu.

Ġie kunsidrat li fil-każ tal- tal-ewwel erba' imputazzjonijiet japplika l-prinċipju tal-konkors formali ta' reati, fejn fil-każ in deżamina l-piena l-aktar gravi, li hi l-istess għall-ewwel tlett imputazzjonijiet, hi dik kontemplata bl-artikolu 45(1)(a) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa għalkemm ir-regola 11 tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb*** tikkontempla l-pieni għal xi reati li jipprovdu għalihom dawn ir-Regolamenti, fejn il-ksur tar-regolament 6 ma jiffigurax, f'tali każ m'hemmx dubbju li jsib applikazzjoni l-artikolu 57 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll in-natura tar-reati li jinsab imputati bihom l-imputat, tal-fedina penali netta tiegħu, taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u senjatament tal-*Pre-Sentencing Report.*

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 8, 9, 10(b) u 45 tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, u tar-regolament 6(2) tar-***Regoli dwar l-Identifikazzjoni Elettronika tal-Klieb***, (L.S. 437.101), issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u ai termini tal-artikolu 11 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li Gemanjo Zerafa jitqiegħed taħt ordni ta' servizz fil-komunità għal ammont ta' **mitt (100) siegħa**.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 45(3) tal-***Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali***, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 58 tal-***Att dwar is-Servizzi Veterinarji,*** l-imputat qed jiġi ordnat iħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali in kwistjoni. Għalhekk l-Animal Welfare Department għandu jitħallas l-ammont ta' €663.27 u dan fi żmien sitt xhur mil-lum.

Il-qorti spjegat lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk jonqos li jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**